MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1088/2003

**Flock Hatchers Co. Ltd
vs
Emmanuel Schembri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Mejju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tnejn u sittin lira Maltija (Lm462.00) rapprezentanti prezz ta' merci mibjugh lill-konvenut u debitament ikkonsenjat u mhux imhallas, kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok.A.;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali mibghuta fis-27 ta' Marzu, 2003, annessa ma' l-avviz u mmarkata Dok.B u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fl-4 ta' Lulju, 2003, li biha irriduciet l-ammont mitlub fl-avviz b'mitejn lira Maltija (Lm200.00), u iddikjarat li b'hekk l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwa ta' mitejn u tmien liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm208.28).**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Katya Azzopardi ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici kif ridotta tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmien liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm208.28) bl-imghax legali mit-13 ta' Gunju, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-27 ta' Marzu, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------